# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DOTTOR J.G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

**Illum 12 ta' Gunju, 2002** **Rikors Nru: 7/02 JGD**

**Edmond Mugliette**

**Vs**

**Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat minn Edmond Mugliette fil-21 ta' Mejju 2001 fejn ippremetta:

1. Illi n-Nutar John Hayman miet fit-23 t'April, 2001, meta kien ghadu jesercita l-professjoni tieghu nutarili. L-istess Nutar juza bhala ufficcju professjonali diversi postijiet, fosthom kamra interna gewwa il-fond numru 126, Atocia Street, Hamrun li huwa propjeta' tar-rikorrent Mugliette, u dan minghajr kera jew rabta kuntrattwali billi r-rikorrent u n-Nutar Hayman kienu hbieb;

2. Illi fuq instanza tal-Avukat Generali fit-13 ta' Gunju, 2001, l-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili harget diversi digrieti sabiex l-atti nutarili tal-mejjet Nutar Hayman jigu konservati;

3. Illi b'digriet taghha tal-31 ta' Ottubru, il-Qorti innominat provissorjament lin-Nutar Principali tal-Gvern u Konservatur tal-Arkivji Nutarili bhala kunservattur tal-atti nutarili tal-istess Nutar Hayman u ordnat s-sigillar tal-kamra interna li kienet tintuza mill-istess Nutar Hayman;

4. Illi susegwentement gie mahtur b'digriet iehor tat-18 ta' Dicembru, 2001, il-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala inventarjant tal-atti tal-istess Nutar Hayman u wara ftit zmien beda jzomm accessi fl-istess fond f'Atocia Street, Hamrun, fond tar-rikorrenti ;

5. Illi beda jirrizulta illi x-xoghol ta' inventarjant ma kienx se jkun ta' ftit accessi izda bdew ikunu tant spissi illi r-rikorrent hass illi kellhom isiru arrangamenti sabiex l-atti tan-Nutar jittiehdu barra mill-propjeta' tieghu u jigu mizmuma direttament mill-persuni kompetenti u ufficjalment mahtura illi jikkonservaw u jaghmlu dak li kien hemm bzonn ;

6. Illi r-rikorrent ukoll, peress illi l-kamra interna hija biss accessibbli mill-bieb ta' barra sab ruhu kostrett illi jippresta ruhu f'kull hin li kellu issir access illi jiftah il-fond u jkun prezenti waqt illi l-persuni mahtura mill-Qorti Nutarili jidhlu u joqghodu, u jistenna hemm sakemm jitilqu fl-ghaxija ;

7. Illi ghalhekk, l-esponent formalment ipprezenta rikors fil-13 ta' Frar, 2002 quddiem l-istess Qorti Nutarili sabiex tordna illi dawn l-atti jittiehdu f'post ufficjali u barra mill-propjeta' privata tieghu

sabiex ikun jista' igawdi l-propjeta' tieghu u di piu, jigi mehlus mill-obbligu illi jattendi accessi li fihom ma ghandu ebda interess jew konessjoni ;

8. Illi dan ir-rikors gie notifikat lill-Avukat Generali li b'risposta datata 8 ta' Marzu 2002, ma opponiex ghal din it-talba. Illi lanqas ma kien opposizzjoni da parti tal-Prokuratur Legali Paul Saliba fir-risposta tieghu tat-12 ta' Marzu, 2002 ;

9. Illi lanqas in-Nutar Principali tal-Gvern ma oppona ghat-talba fir-risposta tieghu tal-11 t'April, 2002, izda iddikjara illi d-dipartiment tieghu 'ma kellux post' fejn iqieghed dawn l-atti u illi kien qed jaghmel kull sforz illi jlesti kamra izda dan kien jinvolvi xoghol ta' mhux anqas ta' tlett xhur ;

10. Illi b'digriet taghha tal-24 t'April, 2002, il-Qorti Nutarili cahdet it-talba tar-rikorrent u oltre ordnat lir-rikorrent illi jibqa' marbut illi jiftah il-bieb u joqghod mal-fond tieghu waqt l-accessi u jerga' jkun responsabbli ghall-integrita' tal-istess sigillar tal-kamra interna ;

11. Illi jidher illi l-fatt li l-Gvern mhux kapaci illi jipprovdi kamra fost il-bini pubbliku kollu li ghandu f'idejh, u nonostante r-rizorsi umani u finanzjarji pubblici li ghandu, jfisser illi l-esponent huwa obbligat illi jaghmel tajjeb flok il-Gvern. Illi dina s-soluzzjoni abbuziva hija izjed odjuza ghax ma fiha ebda tmiem jew kundizzjoni – tista' tibqa' ghall-snin shah ;

12. Illi l-esponent rega' ghamel rikors quddiem il-Qorti Nutarili fejn talab mill-gdid illi tikkunsidra illi l-imsemmi digrieti taghha kienu issa qeghdin jammontaw ghall-effett illi kemm il-propjeta' tieghu kienet tigi espropriata minghajr proceduri jew forma ta' kumpens, u anki l-liberta' personali tieghu kienet qed tigi ristretta b'mod illi gie ordnat illi jkun responsabbli personalment kemm ghall-attendenza bhala purtinar, u kemm bhala persuna responsabbli ghall-integrita' tas-sigillar tal-kamra interna u l-atti li thallew gew fiha ;

13. Illi l-esponent gie mgharraf illi t-tieni rikors tieghu ukoll gie michud u jekk ma jkomplix jattendi mal-bieb tal-fond 126, Atocia Street, Hamrun, meta l-accessi numeruzi u spissi ghandhom isiru, huwa qieghed jiffaccja posizzjoni fejn jesponi ruhu ghad-disprezz tal-Qorti Nutarili ;

14. Illi dawn l-arrangamenti tal-Qorti Nutarili, ordnati b'forza tal-ligi u awtorita' gudizzjarja, jivjolaw b'mod indefinittiv u bl-aktar mod car d-drittijiet fundamentali tal-esponest protetti skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni tal-Ewropa, u cioe' dawk dwar l-espropriazzjoni arbitru (sic.) u bla kumpens adegwat tal-propjeta' privata, u dwar c-cahda tal-liberta' personali tac-cittadin u dwar l-imposizzjoni ta' xoghol sfurzat, degradenti u inhuman ;

15. Illi l-intimat bhala awtorita' gudizzjarja u pubblika qieghed jikser id-drittijiet fondamentali tal-esponent u qieghed jaghmel tieghu mhux biss il-propjeta' tal-esponent, izda ukoll l-liberta' kwotidiana personali tieghu u jissoggettah ghax-xoghol sfurzat ;

Ghaldaqstant r-rikorrent talab illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull provediment neccessarju jew opportun :

a) tordna provisorjament 'pendente lite' illi l-effetti tal-imsemmi digrieti jigu sospizi fil-konfront tar-rikorrent ;

b) tiddikjara illi d-digrieti tal-intimat u l-effetti taghhom, jammontaw ghall-agir da parti tal-intimat agir li jivjola d-drittijiet tar-rikorrenti salvagwardjati mill-Artikoli 34, 35, 37, u 44 tal-Kostituzzjoni

ta' Malta u tal-Artikoli simili tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ;

c) tordna lill-intimat sabiex jaghmlu dak li huwa necessarju skond dina l-Qorti sabiex dan l-agir jieqaf minnufih u taghti kwalunkwe rimedju iehor jew alternattiv kontemplat mill-istess Kostituzzjoni skond l-Artikolu 46 taghha, jew mill-Konvenzjoni Ewropea ;

d) bl-ispejjes kontra l-intimat, inkluz dawk taz-zewg rikorsi minnu presentat fit-13 ta' Frar u Mejju 2002, quddiem il-Qorti Nutarili.

Rat ir-risposta tal-intimat Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili tat-28 ta' Mejju, 2002 fejn ippremetta :

1. Illi fl-ewwel lok ir-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili mhux legittimu kontradittur inkwantu huwa ufficjal subordinat ta' l-imsemmija Qorti u l-kariga tieghu hija separata u distinta minnha. Illi, ghalhekk, it-talbiet bhal dawk kontenuti fir-rikors promotur kif diretti kontra l-intimat huma infondati guridikament u prattikament itendu biex jilledu l-indipendenza tal-gudikanti garantita kostituzzjonalment u fil-Konvenzjoni.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-rikors promotur huwa intempestiv ghaliex ir-rikorrent qed jilmenta minn fatti li minn natura taghhom huma temporanji u li certament mhumiex ta' indoli kostituzzjonali.
3. Illi kien ir-rikorrent li accetta, ex admissis, li jhalli l-propjeta' tieghu tintuza minn Nutar Pubbliku, bl-obbligi kollha li dan igib mieghu. Il-fatt li n-Nutar John Hayman miet hesrem u f'qasir il-ghomor fisser li l-hidma li ghandha l-qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Notarili mhix espletabbli b'mod sommarju.

4. Illi min-naha l-ohra, certament, ma tiffigura l-ebda lezjoni ta' espropjazzjoni minghajr kumpens adegwat billi r-rikorrent ghandu l-pussess u d-dominju shih tal-propjeta' msemmija. Inoltre, il-Kostituzzjoni stess issemmi fl-artikolu 37 (2)(h) li ebda haga f'dak l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tivvjola d-dritt tal-protezzjoni mic-cahda ta' propjeta' minghajr kunsens jekk tkun maghmula "**fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati**".
5. Illi mill-fattispeci tal-kaz wisq anqas ma tiffigura vjolazzjoni tal-protezzjoni minn xoghol furzat inkwantu l-istess Kostituzzjoni tipprovdi li xoghol furzat ma jinkludix xoghol mehtieg b'konsegwenza ta' sentenza **jew ordni ta' qorti**. L-artikolu 4 tal-Konvenzjoni ukoll jeskludi minn taht id-definizzjoni ta' xoghol furzat kull xoghol jew servizz "which forms part of normal civic obligations".

6. Illi galadarba r-rikorrent laqa' gewwa l-propjeta' tieghu Nutar Pubbliku bir-responsabbilita' li dan kollu jfisser ghall-konservazzjoni ta' l-atti, huwa ghandu dmir u obbligu civiku li jassisti l-Qorti msemmija sakemm tlesti l-inkarigu taghha.

7. Illi jerga' jigi ribadit li din hija sitwazzjoni ghal kollox temporanja u brevi ghaliex fi zmien qasir l-atti ser jigu trasportati f'post aktar skur u xieraq u l-azzjoni odjerna hija ghalhekk intempestiva u frettoluza.

8. Illi, inoltre, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma fil-verita', bla bazi fattwali wkoll ghaliex il-post de quo ghadu qed jintuza minn ex-assocjata tan-Nutar defunt, Not. Claire Falzon, u ghalhekk mhux veru li s-sitwazzjoni qed tohloqlu inkonvenjent tali li

sahansitra d-drittijiet fondamentali tieghu qed jigu lezi.

9. Illi, kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ix-xoghol tal-Qorti twal xi ftit minhabba bidla fl-atteggament tar-rikorrent li wera nuqqas kbir ta' kooperazzjoni minghajr gustifikazzjoni fil-htigijiet li kellha l-istess Qorti.

10. Illi fir-rigward ta' l-invokar mir-rikorrent ta' l-artikoli 34 u 44 tal-Kostituzzjoni din hija riferenza frivola u vessatorja billi huwa la qatt gie arrestat jew detenut minn xi emanazzjoni ta' l-Istat u wisq anqas ma giet negata lilu l-liberta' tal-moviment. Anzi allegazzjonijiet bhal dawn jikkostitwixu abbuz tal-process gudizzjarju li ghandhom ikunu censurati mill-Qorti.

Ghaldaqstant l-esponent intimat talab lil din l-Onorabbli Qorti li fl-ewwel lok tiddikjarah mhux legittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u subordinatament, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjes.

Semghet lir-rikorrent bil-gurament fis-seduta ta' nhar l-erbgha 29 ta' Mejju 2002.

Rat in-Nota tar-rikorrent ipprezentata fis-seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju 2002, bid-dokumenti kollha hemm annessi.

Semghet id-deposizzjoni tan-Nutar Principali tal-Gvern, in-Nutar Dr. Franco Pellegrini fl-istess seduta.

Rat il-Verbal Taghha tad-29 ta' Mejju, 2002 li bih iddifferiet il-kawza ghas-sentenza u decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari u ghall-inormazzjoni ulterjuri dwar il-possibilita' ta' soluzzjoni jekk ikun l-kaz, ghall-hamis , 11 ta' Lulju, 2002.

Rat ir-rikors ulterjuri tar-rikorrent tas-6 ta' Gunju, 2002 fejn qed jitlob provvediment "ad interim" minhabba xi zviluppi ohra li kien hemm fil-frattemp u d-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2002 , li bih ordnat in-notifika tal-istess lill-intimat u appuntat l-istess ghas-smiegh ghas-seduta tat-12 ta' Gunju, 2002 , fil-"break" tal-guri kapitali li din il-Qorti fil-prezent qed tippresjedi .

Rat id-Digriet Taghha tal-lum stess li bih " seduta stante" irrikjamat ghas-seduta tal-lum stess il-kawza ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari tal-intimat li hu mhux il-legittimu kontradittur f' din il-procedura , u dana billi hu ovvju li qabel ma tigi deciza din l-eccezzjoni, din il-Qorti hija prekluza milli tipprocedi oltre anki fir-rigward ta' provvedimenti "ad interim" kif qed jitlob li jsir ir-rikorrent kemm fl-ewwel talba tieghu kontenuta fir-rikors promotur kif ukoll fir-rikors ulterjuri tieghu tas-6 ta' Gunju, 2002 fuq imsemmi .

Ikkunsidrat ;

Illi din l-ewwel eccezzoni preliminari tghid li r-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili mhux legittimu kontradittur in kwantu hu huwa ufficjal subordinat ta' l-imsemmija Qorti u l-kariga tieghu hija separata u distinta minnha u illi ghalhekk it-talbiet bhal dawk kontenuti fir-rikors promotur kif diretti kontra l-intimat huma infondati guridikament u pratikament itendu biex jilledu l-indipendenza tal-gudikant garantita kostituzzjonalment u fil-Konvenzjoni.

Illi fuq eccezzjoni simili il-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) diga' kellhom l-opportunita' li jippronunzjaw ruhom diversi drabi .

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "LUCIEN STAFRACE NOE. vs. L-AGENT REGISTRATUR TAL-QRATI ET." (9.11.1998) (Kollez. Vol. LXXII , I , p. 127 ) kienet illiberat lill-intimat Registratur tal-Qrati mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kienx il-legittimu kontradittur u dana ghaliex fi kliem l-istess Qorti hu ma kienx il-persuna idonea biex joqghod f' gudizzju tali , billi bhala Kap ta' Dipartiment , hu jirraprezenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju tal-amministrazzjoni pubblika inerenti ghal dak id-Dipartiment u l-kwistjoni quddiem dik il-Qorti ma kienetx tidhol f'tali xorta ta' mansjonijiet .

Umbaghad fil-kawza "CARMELO SIVE CHARLES DELIA ET. vs. REGISTRATUR TAL-QRATI IN RAPPREZENTANZA TAL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI INFERJURI ET." (25.4.1990) (Kollez. Vol. LXXIV , I, p.91) l-istess Qorti Kostituzzjonali li quddiemha gie sollevat ghall-ewwel darba fil-kawza il-punt tal-legittimita' tal-persuna ta' l-intimat , laqghet eccezzjoni simili sollevata mill-intimat Registratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju ghax irriteniet li r-Registratur tal-Qrati m'ghandhux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendeti quddiem il-Qorti .

Illi forsi wiehed jista' jargumenta li dawn is-sentenza ma ghadhomx jorbtu minnhabba li ipprecedew l-emendi ghall-artikolu 181 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li , fl-Artikolu gdid 181 B introdottbl-Att XXIV tal-1995 , elenka min ghandu jirraprezenta l-istat fi proceduri fil-Qrati b'mod specifiku .

Di fatti bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu gdid 181B , skond is-subinciz (1) ,il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni . Pero' fis-subinciz (2) il-ligi tkompli tghid li :-

> "L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern."

Illi fis-sentenza recenti taghha fil-kawza "GEORGE XUEREB VS. REGISTRATUR TAL-QRATI ET" (14.03.2002 ) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) per P.Vella J. irriteniet proprju dwar eccezzjoni simili li giet sollevata mir-Registratur tal-Qrati f'kawza dwar " fair hearing" minhabba dewmien fil-proceduri kagjonati mill-avversarja u minn Imhallef li ghal xi zmien kien qed jippresjedi l-istess proceduri , li :

> " l-Art. 181B jipprovdi li l-Gvern , igifieri l-istat , ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern u li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artiklu jipprovdi ukoll li l-Avukat Generali jirraprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirraprezenta lill-Gvern in rappreżentanza tal-Istat . Illi huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u konvenz-jonali li il-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dip-artiment tal-Gvern . Fil-kaz prezenti r-rikorrent qed jallega dewmien minnhabba l-operat ..... tal-Qorti li ppresjediet il-proceduri u ........ bl-ebda mod mhu qed jattribwixxi l-allegat dewmien ghal xi operat jew agir minn-naha tal-Amministrazzjoni tal-Qorti rapprezentata mir-Registratur tal-Qrati" .

u

> "....... in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jattribwixxi dan id-dewmien ghall-agir ta' xi Imhallef partik-olari li ghal xi zmien kien qed jippresjedi dawn il-proceduri , hu evidenti allura , li , f'din il-kwist-joni , ir-Registratur tal-Qrati ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari u inqas ma kien involut b'xi mod fil-materja, il-mertu tar-rikors promotur . Hu ben risaput li l-Gudikatura hi organu indipendenti mill-Ezekuttiv u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rik-orrent hu attribwibbli ghall-operat tal-Qorti , allura r-Registratur tal-Qorti , li hu biss inkarikat mill-amministrazzjoni tal-Qrati u MHUX UKOLL MILL-OPERAT TAL - GUDIKANT , MA JISTAX HAWNHEKK IKUN LEGITTIMU KONTRADITTUR." (emfasi ta' din il-Qorti)

Kien ghalhekk li dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mir-Registratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju .

Issa fil-kaz odjern minn ezami akkurat tar-rikors promotur u d-depozizzjoni guramentata tar-rikorrent , imkien ma jidher li r-rikorrent qed jallega xi nuqqas jew abbuz fl-agir tar-Registratur tal-Qorti tal-Atti tar-Revizjoni Notarili "ut sic" , imma qed jilmernta biss mill-operat tal-Imhallef li qed jippresjedi dik il-Qorti li bl-agir tieghu qed jikkostringieh joqghod ghall-ordnijiet u restrizzjonijiet fuq il-movimenti tieghu li jilledu id-drittijiet fondamentali tieghu li li cahadlu diversi rikorsi tieghu biex hu jigi ezentat minn dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-liberata' ta' azzjoni tieghu u fuq l-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta tieghu u sahansitra intimalu l-possibilita' li jkollu jiffaccja proceduri ghad-disprezz tal-awtorita' tal-Qorti jekk ma jkomplix jattendi ghall-accessi . Qed jilmenta ukoll sa certu punt mill-agir tal-inventarjant tal-atti tan-Nutar Hayman nominat mill-istess Qorti , li qed izomm accessi ta' spiss fil-fond li jappartjeni lilu u b'hekk jikkostringieh li jkun prezenti biex jiftah u jaghalaq u b'hekk ma jistax jattendi ghall-attivitajiet ohra normali tal-hajja tieghu u ghall-safar fuq xoghol. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta ukoll mill-fatt li l-Gvern ma ipprovdiex post iehor adegwat fejn jistghu jinzammu l-atti pubblici u dokumernti kollha li kien hemm fl-ufficju tal- mibki Nutar John Hayman , post li pero' , kif semghet din il-Qorti , qed jigi allestit min-Nutar tal-Gvern , Dr. Franco Pellegrini li hu l-kap tad-dipartiment koncernat .

Illi zgur li mhux funzjoni ordinarja tar-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili li jipprovdi post fejn jistghu jinhaznu dawn id-dokumenti notarili , tant li din ir-responsabblta' giet assunta u mistennija li titwettaq f'qasir zmien min-Nutar tal-Gvern kif fuq intqal , li huwa l-kap tad-dipartiment koncernat .

Ghalhekk jekk xejn il-lanjanza tar-rikorrent dwar id-dewmien li qed jiltaqa' mieghu biex id-dokumenti jittiehdu mill-fond li jappartjeni lilu u jinhaznu band'ohra ghandha tkun diretta kontra il-kap tad-dipartiment li bil-ligi irid jahseb ghal tali eventwalita'. Umbaghad , in kwantu il-lanjanzi tar-rikorrent huma diretti kontra l-operat tal-Imhallef u tal-Inventarjant tal-atti tal-imsemmi Nutar , ladarba dawn huma indipendenti mill-intimat u ma johdux ordnijiet minnghandu izda jigri proprju l-kuntrarju, huwa ovvju li l-intimat odjern ma ghandux kontroll fuq l-operat taghhom u li xi nuqqas allegat fil-konfront taghhom , ma ghandux jirrispondi quddiem il-Qrati ghalih l-intimat .

Ghalhekk kemm fid-dawl tal-emendi ghall-Art. 181 ta-Kap. 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja fuq citat , jidher b'mod car li l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili , li hu mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri hija altru milli fondata, u ghalhekk qed tigi milqugha .

Konsegwentement il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent .

(ft) J.G. Galea Debono.

Paul Miruzzi
Dep/Registratur

12.06.2002